# QORTI TA' L-APPELL

(APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR)

**ONOR. IMHALLEF DR. L. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-15 ta' Mejju, 2002.

SCT Nru. 1580/00

Grima Communications Company Limited
vs
Victor Said

**IS-SENTENZA APPELLATA**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar tad-9 ta' April 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi, liema sentenza taqra kif gej:

*It-Tribunal,*

*Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u zewg liri Maltin u erbghin centezmu (Lm202.40c)*

*rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut ghall-prezz ta' pakkett ta' reklami mixtri mill-istess konvenut. Bl-ispejjez;*

*Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenut eccepixxa illi:*

a. *Preliminarjament, it-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2149 (c) tal-Kap. 16;*

b. *Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju, is-servizz rez mis-socjeta' attrici, kif deskritt fl-Avviz promotorju, mhux veru li gie rez, u difatti l-bilanc rimanenti huwa dak mitlub mis-socjeta' attrici ghal servizz li ma nghatax, u allura t-talba ghall-hlas kif dedotta tikkostitwixxi unjustified enrichment;*

c. *Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju, is-somma mitluba hija ezagerata. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;*

*Ra l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Marzu, 2001, li permezz tieghu l-konvenut, tramite d-difensur tieghu, irrinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata;*

*Sema' bil-gurament lil Joseph Grima ghas-socjeta' attrici u lill-konvenut; ezamina d-dokumenti esibiti u l-provi kollha prodotti, u ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula verbalment mid-difensuri tal-partijiet fit-trattazzjoni tal-kawza;*

*Ikkunsidra:*

1. *Kif diga' gie rilevat, il-konvenut irrinunzja ghall-eccezzjoni minnu moghtija dwar il-preskrizzjoni, u illimita l-kontestazzjoni tieghu ghall-mertu tat-talba attrici. Mill-provi rrizultaw il-fatti segwenti:*

a. *Is-socjeta' attrici nediet kampanja ta' pubblicita' fuq ir-radju taghha Live FM. Din kienet tikkonsisti f' pakkett specjali ta' reklami b' kuntratt ghal sitt (6) spots kuljum ghal disghin (90) gurnata, bil-prezz ta' sitta u hamsin centezmu (56c) ghal kull spot, minbarra l-VAT. Dwar dan, hemm qbil bejn il-partijiet.*

b. *Elsie Curmi, salesgirl mas-socjeta' attrici, marret ghand il-konvenut -- li kellu hanut Fashion Chaid Boutique f' Birkirkara -- biex tipproponilu dan il-pakkett ta' reklami, u hu xtrah. Sar ftehim bil-miktub, li gie ffirmat fl-20 ta' April, 1998. Fuq dan il-kuntratt, il-konvenut, kif kienet il-prassi anke ma' klijenti ohra tas-socjeta' attrici fir-rigward ta' l-istess kampanja ta' pubblicita', hallas depozitu ta' mitt lira Maltin (Lm100). Dwar dan ukoll, hemm qbil bejn il-partijiet.*

c. *Ir-reklam tal-konvenut beda jixxandar regolarment kuljum fuq ir-radju tas-socjeta' attrici, u l-konvenut kien isegwih; u ma ghandu ebda lment dwaru.*

d. *Meta kien fadal ftit granet biex jghaddi l-ewwel xahar minn meta r-reklam tal-konvenut kien beda, u baqa', jixxandar, il-konvenut ikkomunika mas-socjeta' attrici u nformaha biex tbiddel ir-reklam peress li huwa kien ghalaq il-hanut u gab ditta gdida ta' jeans. Intlahaq ftehim bejn il-partijiet li l-konvenut jipprepara cassette bir-reklam il-gdid u dan jixxandar flok dak originali, pero' taht l-*

*istess kundizzjonijiet ta' l-ewwel wiehed. Il-konvenut hejja r-reklam il-gdid, u stenna li jmur ghandu r-rapprezentant tas-socjeta' attrici biex jigbor il-cassette ta' dan ir-reklam gdid (skond il-konvenut, ghax hekk kien gie miftiehem bejniethom), pero' dan il-cassette qatt ma ngabar minghand il-konvenut.*

e. *Sadattant, lejn l-ahhar ta' l-ewwel xahar li matulu kien qed jixxandar ir-reklam originali, dan twaqqaf u ma xxandarx aktar. Lanqas ma xxandar ebda reklam iehor tal-konvenut minflok l-ewwel wiehed. Il-konvenut xehed li t-twaqqif tar-reklam milli jkompli jixxandar sar l-ghada li huwa kellem fuq it-telefon lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici.*

2. *Dan premess, it-Tribunal ghadda ghas-segwenti evalwazzjoni tal-fatti:*

a. *Ma ngiebet ebda prova mis-socjeta' attrici biex tirribatti l-verzjoni guramentata tal-konvenut li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet li r-reklam originali kellu jigi sostitwit b'iehor preparat mill-konvenut, li, pero', qatt ma ghadda ghand is-socjeta' attrici. Il-verzjoni tal-konvenut, ghalhekk, f'dan ir-rigward, ghandha tittiehed bhala fatt provat.*

b. *Is-socjeta' attrici ma pproducietx kopja tal-kuntratt li kien gie inizjalment iffirmat bejnha u l-konvenut, pero' jirrizulta li l-ewwel xahar minn meta bdiet il-pubblicita' tar-reklam tal-konvenut kien jaghlaq fix-xahar ta' Mejju, 1998. Ghal dan l-ewwel xahar, is-socjeta' attrici baghtet invoice lill-konvenut, datata 31 ta' Mejju, 1998, ghall-ammont ta' Lm107.52. (dok. VS1). L-ghada li*

*ntbaghtet din l-invoice, cioe' fl-1 ta' Gunju, 1998, intbaghtet invoice ohra lill-konvenut li fiha gie indikat li mill-ammont ta' Lm107.52c kienu thallsu Lm100 (certament ir-riferenza hija ghad-depozitu li kien ghamel il-konvenut inizjalment), u ghalhekk kien fadal bilanc ta' LM 7.52c (dok. VS 2).*

c. *Fl-1 ta' Jannar, 1999, u fl-1 ta' Frar, 1999, intbaghtu mis-socjeta' attrici lill-konvenut zewg invoices identici, li fihom saret riferenza ghall-invoice tal-31 ta' Mejju, 1998, li kienet tindika bilanc dovut ta' Lm7.52c, u saret ukoll riferenza ghal invoice ohra tat-30 ta' Gunju, 1998 (li ma gietx esibita) ghal ammont addizzjonali ta' Lm194.88c -- b'kollox Lm202.40c -- li huwa l-kreditu pretiz (dok. VS 3 u VS 4). Invoice ohra simili ntbaghtet fit-28 ta' Frar, 1999 (dok. VS 5).*

d. *Is-socjeta' attrici ma pproduciet ebda prova konvincenti biex tirribatti l-verzjoni guramentata tal-konvenut li* ***kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet*** *fis-sens illi:*

i. *ir-reklam originali kellu jitwaqqaf u jigi sostitwit b'iehor preparat mill-konvenut (il-fatt stess li* ***dan twaqqaf ma' tmien l-ewwel xahar*** *huwa prova bizzejjed f'dan ir-rigward);*

ii. *Il-cassette bir-reklam il-gdid kellu jingabar minn rapprezentant tas-socjeta' attrici minghand il-konvenut; u*

iii. *dan il-cassette bir-reklam gdid qatt ma ngabar minghand il-konvenut, u ghalhekk qatt ma xxandar fuq ir-radju Live FM.*

3. *Fid-dawl tal-premess, in vista tal-fatt li s-socjeta' attrici, wara l-ewwel xahar ta' pubblicita', ma tatx aktar servizz lill-konvenut a bazi tal-**ftehim gdid** li ntlahaq sussegwentement, l-istess socjeta' ma ghandhiex dritt titlob hlas ghal servizz li ma rrendietx.*

*Hija ghandha dritt li tesigi biss minghad il-konvenut il-bilanc ta' Lm 7.52c ghall-ewwel u l-uniku xahar ta' servizz li hija rrendiet.*

*Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal iddecieda billi:*

1. *Jilqa' t-talba attrici pero' limitatament ghall-ammont ta' seba' liri u tnejn u hamsin centezmu (Lm7.52c), dovut kif fuq spjegat; u, konsegwentement,*

2. *Jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma kif likwidata ta' seba' liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm7.52c), dovuta ghar-ragunijiet premessi.*

*L-ispejjez kollha ta' l-istanza jithallsu mis-socjeta' attrici.*

**L-AGGRAVJU**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata minn din is-sentenza u interponiet appell. L-aggravju tal-appellant huwa bazat fuq is-segwenti kapi:

*a) It-Tribunal wettaq ingustizzja kbira u mar b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u l-ekwita skond il-ligi, u dik l-azzjoni ppregudikat il-jeddijiet tal-appellanti meta l-gudikant, fil-mument li kien qed jipprolata s-sentenza, minn jeddu, qajjem eccezzjoni ta'*

*novazzjoni li ma qajjimhiex il-konvenut u li mhix ta' ordni pubblika.*

*b) Ingustizzja kbira ohra twettqet ukoll meta l-forza u l-effett ta' obbligazzjonijiet naxxenti minn kuntratt vigenti, li jinkludi anki l-modalitajiet, gew injorati ghal semplici allegazzjoni tal-konvenut illi lanqas biss ma kienet korraborata u cioe` li reklami twaqqfu mill-attur stess ghax il-konvenut xtaq jibdel ir-reklam originali u l-attur ma marx ghal xi haga li fiha suppost kien hemm rekordjat l-allegat reklam gdid.*

*Fuq in-novazzjoni:*

*It-Tribunal emmen lill-Konvenut li hu waqqaf ir-reklam ghax ried iehor gdid u f'paragrafu (d) tas-sentenza tieghu t-Tribunal esperessament jghid illi b'hekk, bejn il-kontendenti, kien sar ftehim verbali gdid. Skond il-gudikant b'hekk il-konvenut mhux marbut bil-kuntratt originali.*

*Illi t-Tribunal effettivament ipprezuma illi saret novazzjoni meta skond il-ligi novazzjoni ma tistax tigi persunta u trid tohrog cara. Il-ligi tesigi wkoll, li l-prova ta' novazzjoni irid jaghmilha l-konvenut.*

*Illi l-konvenut ma gab ebda prova tal-allegazzjoni tieghu meta wiehed ma jridx jinsa wkoll li l-attur ma kellu ebda interess li jwaqqaf l-appalt tar-reklami qabel ikollu r-reklam il-gdid f'idejh. Semai, il-konvenut ukoll kellu interess illi r-reklam tieghu jigi mxandar kif miftiehem u fil-kuntratt specifikament jghid illi l-*

*informazzjoni ghal li script tigi "supplied" minn min qed jaghmel il-kuntratt u mhux mis-Socjeta' attrici. Il-konvenut mhux konvincenti li llum jghid, per via d'eccezjoni, illi s-servizz qatt ma gie rez ghax tape b'riklam gdid qatt ma ngabar mill-attur biex jittrasmettuh. Kieku dan kien minnu hija aktar probabbli t-tezi tas-socjeta` attrici li baqghet ixxandar ir-reklam originali.*

*Illi ma tirrizulta ebda intenzjoni da parti tal-attur li jaghmel novazzjoni ghaliex 1) Il-fatt illi kien qieghed jigi rilaxxati fatturi regolarment lill-konvenut juri car illi l-obbligazzjoni orginali qatt ma giet estinta u 2) ma jirrizultax li l-attur hafer id-dejn tal-konvenut (ma kienx hemm discharge tad-dejn, u l-obbligazzjoni tal-kuntratt originali baqghet in vigore).*

*Fuq in non osservanza tal-forza u effett ta' obbligi kuntrattwali:*

*Illi t-Tribunal ma kienx korrett meta iddikjara f'paragrafu (b) tas-sentenza illi s-socjeta` attrici ma pproducietx ebda prova tat-talba taghha u anke illi ma pproduciet ebda kopja tal-kuntratt li ffirmaw il-kontendenti meta fil-fatt is-socjeta` attrici pproduciet il-kuntratt fil-process mill-bidu nett kif ukoll ipproduciet kopji tal-fatturi li kienet tirrilaxxja lill-konvenut tar-reklam li kien qed jixxandar.*

*Illi fi kwanunkwe kaz mhux kontestat illi bejn il-kontendenti kien hemm kuntratt in vigore u t-Tribunal naqas milli japplika l-principju tal-forza tal-kuntratt, u mhux lecitu illi obbligazzjonijiet naxxenti minn kuntratt jigu injorati bhal li kieku ma jezistux fuq semplici allegazzjoni li ma gietx korraborata. Il-kuntratt huwa*

*datat 20 t'April 1999 u jinkludi l-modalitajiet kif kellu jigi esegwit l-appalt.*

*Il-ftehim jitkellem car u fis-sentenza tieghu f'pagna 2 (c) it-Tribunal stess josserva illi "ir-reklam tal-konvenut beda jixxandar regolarment kuljum fuq ir-radju tas-socjeta' attrici, u l-konvenut kien isegwih , u ma ghandu ebda ilment dwaru" u ghalhekk ma jreggix dak li jsostni l-konvenut li l-attur waqaf milli jixxandar ir-reklami tieghu sakemm hu, (il-konvenut) jghaddilu tape b'recording ta' xi* <u>*reklam gdid.*</u>

*Joe Grima ghas-socjeta' attrici xehed car x'kienet il-policy tal-istazzjon: xehed li ghalkemm waqt ir-running days tal-kuntratt, klijent seta' jibdel it-text tar-reklam, ma kienx permess illi r-reklami jigu mwaqqfa ghal ebda raguni.*

*Flimkien mal-kuntratt esebit, l-attur ipproduca kopji tal-invoices li ntbaghtu lill-konvenut mid-ditta Commercial Services Bureau f'isem is-socjeta` attrici. Dawn huma dokumenti li juru li l-konvenut kien qed jigi fatturat ghar-reklami li kienu qed jigu mxandra u fin-nuqqas ta' provi ohra, il-fatturi rilaxxati fihom infushom kellhom jittiehdu bhala prova tal-kontenut taghhom u kellhom jitqiesu li jorbtu l-konvenut. Dan aktar u aktar meta ma jirrizultax li l-konvenut ipprotesta a tempo vergine (waqt li kien qed jigi fatturat) illi kien qed jigi fatturat ta' reklami li qatt ma xxandru.*

*Ghaldaqstant, fil-fehma tal-appellanti, it-Tribunal, a bazi tal-principju li jesigi l-esekuzzjoni ta' l-obbligi kuntrattwali u r-rispett*

*u protezzjoni tad-drittijiet naxxent mil-ligi jew ex-contractu f'dawn ic-cirkostanzi kellu jaghti forza lill-kuntrattt esebit u jistrieh fuq il-kontenut tal-fatturi rilaxxati, kif esebiti, bhala prova li rekalmi fil-fatt ixxandru u mhux effettivament jiddikjara illi l-konvenut mhux obbligat bl-oneru li jirruzlta mill-kuntratt u minn dawk il-fatturi.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet l-appellanti talbu lil din il-Qorti sabiex jogghobha tirriforma u tirrevoka is-sentenza tat-Tribunal Ghat-Talbiet iz-Zghar bl-Avviz Numru 1580/00PS tad-9 ta' April, 2001, billi tilqa' t-talba tas-socjeta' appellantii in toto, u bl-imghax u bl-ispejjez.*

Ra r-risposta tal-konvenut appellat eccepixxa li:

*(1) Illi s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tad-9 ta' April 2001 fil-kawza fl-ismijiet Grima Communications Limited vs Victor Said hija ekwa u gusta u timmerita konferma;*

*(2) In linea preliminari, illi r-rikors ta' l-Appell odjern ghandu jigi dikjarat huwa null u bla effett minn din il- Qorti ghas-segwenti ragunijiet:*

*(a) Illi l-partijiet f'dawn il-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell huma differenti minn dawk fl-ewwel istanza, u dan qed jinghad partikolarment peress illi l-okkju citat fir-rikors huwa divers u ma jirrispekkjax il-partijiet fil-kawza fl-ewwel istanza,*

*stante illi l-isem tas-socjeta` attrici fl-ewwel istanza mhux dak tas-socjeta` appellanti, li fuq kollox taghha huwa l-appell odjern;*

*(b) Illi t-talba tas-socjeta` appellanti hija vaga, ma tregix u ma taghmel enbda sens legali peress illi kif indikat fl-ahhar paragrafu ta' l-Appell, is-socjeta` appellanti qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti "sabiex tirriforma u tirrevoka s-sentenza" , zewg talbiet kontrastanti u konfliggenti li ma jistghux isiru f'daqqa, izda s-socjeta` appellanti kellha tiddeciedi biss dwar talba wahda li riedet taghmel lil din l-Onorabbli Qorti;*

*(c) Illi ai termini ta' l-Artikolu 8 (1) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta, appell minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar jista' jsir biss fil-kazijiet hemmhekk elenkati, u jekk wiehed jifli r-rikors ta' l-Appell wiehed isib illi l-aggravji hawn riferiti ma jinkwadraw f' ebda wahda mill-okkazzjonijiet fejn appell jista' jsir. Dan l-appell la jirrigwarda kwistjoni ta' gurisdizzjoni, la jirrigwarda kwistjoni ta' preskrizzjoni, la jirrigwarda nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 (2) ta' l-istess Att u wisq anqas jirrigwarda kaz fejn it-Tribunal mar b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' ekwita' skond il-ligi b'mod illi ppregudikat il-jeddijiet tas-socjeta' appellanti.*

*(3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu jinghad illi mhux veru dak dikjarat fir-rikors ta' l-Appell (para.5) illi hargu r-riklami kollha.*

*(4) Illi in kwantu l-ewwel aggravju tas-socjeta' appellanti, jinghad fl-ewwel lok illi l-ilment taghha, anke jekk validu, ma*

*jikkostitwix sitwazzjoni tali ta' ingustizzja kbira fejn it-Tribunal mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u l-ekwita` skond il-ligi, liema agir tat-Tribunal wassal biex gew ippregudikati il-jeddijiet ta' l-esponent, u fit-tieni lok mhux minnu illi fid-decizjoni tieghu t-Tribunal minn jeddu qajjem xi eccezzjoni li ma qajjimhiex il-konvenut u mhix ta' ordni pubbliku.*

*It-Tribunal gustament fid-decizjoni tieghu qal biss illi t-tezi tal-konvenut hemmhekk appellat li s-servizz ma nghatax shih (xahar wiehed biss minn tlieta) bbazata fuq il-fatt illi kellu jkun hemm bdil tar-reklam kif kien miftiehem, ma gie b'ebda mod kontradett mis-socjeta` appellanti.*

*Il-punt kardinali marbut mal-ftehim illi jibda jinstema` riklam gdid mhux il-holqien ta' kuntratt gdid (novazzjoni), ghax dan lanqas ma hu il-kaz, izda l-fatti li wara l-ewwel xahar twaqqfu r-riklami li kienu qed jinstemghu u allura s-servizz gie mwaqqaf. Konsegwenza ta' dan wiehed ma jistax jippretendi illi jithallas ta' servizz li ma rrendiex – TeleMalta Corporation vs Muscat Motors Limited deciza mill-Qorti ta l-Appell fit-8 ta' Gunju 1999.*

*(5) Illi in kwantu t-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti, jinghad illi din ftit tinftiehem. Pero' jigi sottomess illi ma gie injorat ebda kuntratt jew obbligazzjonijiet naxxenti mill-kuntratt. Il-provi quddiem it-Tribunal, li huma l-istess provi quddiem din l-Onorabbli Qorti juru illi r-riklami twaqqfu wara xahar mit-tlieta li kellhom jinstemghu u ghaldaqstant, kien gust it-Tribunal illi kkundanna lill-konvenut appellat ihallas is-Lm7.52, bilanc mill-*

*Lm107.52 rappresentanti l-hlas ghall-ewwel u l-uniku xahar ta' servizz illi rrendiet is-socjeta' appellanti.*

*Illi ghaldaqstant, l-appellat issottometta li d-decizjoni tat-tribunal fl-ewwel istanza ghandha tigi kkonfermata minn din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` appellanti.*

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

***Nullita tal-appell***

Il-konvenut appellat sostna li r-rikors ta' l-appell ghandu jigi dikjarat huwa null u bla effett minn din il-Qorti minhabba li l-partijiet f'dawn il-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell huma differenti minn dawk fl-ewwel istanza, u dan partikolarment peress illi l-okkju citat fir-rikors huwa divers u ma jirrispekkjax il-partijiet fil-kawza fl-ewwel istanza, stante illi l-isem tas-socjeta` attrici fl-ewwel istanza mhux dak tas-socjeta` appellanti, li fuq kollox taghha huwa l-appell odjern.

Ikkunsidra li dan inghad minhabba li l-avviz sar minn "Grima Communications Limited vs Victor Said". L-appell sar minn "Grima Communications Co Ltd vs Victor Said". Strettament dawn huma socjetajiet differenti u legalment il-konvenut appellat ghandu ragun. Izda din il-Qorti qedgha taghmel referenza ghal dak li jghid l-artikolu 7 (1) tal-Kap 380 li jghid:

"It-Tribunal ghandu jaqta kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu skond l-ekwita':

Izda, f'kull kaz, kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni gandha tinqata' skond il-ligi."

Dan ifisser li it-Tribunal ghandu jimxi bill-principji tal-ekwita' u jaqta' kull kawza fuq dan il-bazi sakemm ma jkunx hemm kwistjoni dwar il-preskrizzjoni. Issa hawnhekk ma hawnx kwistjoni dwar il-preskrizzjoni u ghalhekk japplikaw il-principji tal-ekwita ghax dak li jorbot lit-Tribunal jorbot ukoll lill-Qorti tal-Appell minn appelli mit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar. Issa fil-kaz in ezami jidher car li dan kien lapsus u mhux haga li taffetwa kif qieghed jippretendi l-konvenut appellat. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut appellat.

***L-Artikolu 8 (1) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta***

L-intimat appellat ghamel referenza ghall-artikolu 8 (1) tal-Kap 380 tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jista' jsir biss fil-kazijiet hemmhekk elenkati, u jekk wiehed jifli r-rikors ta' l-Appell wiehed isib illi l-aggravji hawn riferiti ma jinkwadraw f' ebda wahda mill-okkazzjonijiet fejn appell jista' jsir. Sostna li l-appell la jirrigwarda kwistjoni ta' gurisdizzjoni, la jirrigwarda kwistjoni ta' preskrizzjoni, la jirrigwarda nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 (2) ta' l-istess Att u wisq anqas jirrigwarda kaz fejn it-Tribunal mar b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' ekwita' skond il-ligi b'mod illi ppregudikat il-jeddijiet tas-socjeta' appellanti.

Din il-Qorti sejra fil-qasir tikkwota il-gurisprudenza fuq dan l-aspett. Mid-decizzjonijiet tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar jista'

jsir appell biss f'kazijiet limitati igifieri "fuq gurisdizzjoni, preskrizzjoni, nuqqas tat-tharis tad-disposizzjonijiet wara sospensjoni tal-procedimenti fil-kazi elenkati fl-artikolu 7 (2) u meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella" [ Ara Scerri Spiridione vs Galea Emmanuel deciza fis-26 ta’ Frar, 1998 – Imh J Filletti]. Ara wkoll Gasan Insurance Agency Limited nomine vs The Cargo Handling Company Limited deciza fit-13 ta’ Jannar, 1999 – Imh J Said Pullicino. Id-dritt ta' appell fit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar ma jestendix ghal kazijiet fejn hu allegat li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi mit-Tribunal hlief fejn dan esplicitament provdut [Ara RAF Limited vs Vella Joseph deciza fid-9 ta’ Mejju, 1997 – Imh J Said Pullicino]. "Hu car li kull rikors ta' appell li ma jkunx jaqa' fil-parametri ta' xi wahda minn dawn is-subincizi [8 (2) (a) sa (d)] jkun irritu u null u ghandu jigi skartat minn din il-Qorti. Inoltre ghandu jkun car mill-istess rikors ta' l-appell illi l-appellant kellu jhossu aggravat bid-decizzjoni tat-Tribunal inkwantu kienet tivvjola xi wahda mis-subincizi fuq elenkati kif dispost l-artikolu 8 ta' l-istess Att V ta' l-1995." – Aggravji principalment bazati fuq allegata interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi li bl-ebda mod ma huma marbuta u addebitati lil xi nuqqas ta’ **imparzjalita’** tat-Tribunal jew ma’ xi allegazzjoni li dan mar **kontra d-dettami tal-ekwita** kif trid il-ligi ma jaqghux fil-parametri tal-artikolu 8 (2) tal-Kap 380 - Gasan Insurance Agency Limited nomine vs The Cargo Handling Company Limited fuq imsemmija.

Izda jekk inghatat sentenza "u ma gewx rispettati **d-drittijiet procedurali ta' wahda mill-partijiet,** u partikolarment dik li tinstema', u li tinghata l-opportunita' li tinstemgha, dan jaghti dritt ghal appell" [Ara The Performing Rights Society vs Underground Limited deciza fis-7 ta' Mejju, 1998 – Imh L Agius]. F'kaz ta' rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza li ma giex degretat ghax ma giex konsenjat lit-Tribunal qabel il-prolazzjoni, izda li fil-kors tal-kawza is-socjeta' appellanti "kellha l-opportunita' kollha li tikkontesta bil-mod previst mill-ligi t-talbiet attrici fiz-zmien indikat mill-istess ligi, u... dan baqghet m'ghamlitux" ma jintitolax lill-appellant jirnexxi fl-appell.

Issa s-socjeta' appellanti qedgha ssostni li t-Tribunal wettaq ingustizzja kbira u mar b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u l-ekwita' skond il-ligi, u dik l-azzjoni ppregudikat il-jeddijiet tal-appellanti meta l-gudikant, fil-mument li kien qed jipprolata s-sentenza, minn jeddu, qajjem eccezzjoni ta' novazzjoni li ma qajjimhiex il-konvenut u li mhix ta' ordni pubblika. Izda kif issemma aktar 'l fuq id-dritt tal-appell fit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar ma jestendix ghal kazijiet fejn hu allegat li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi u allegata interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi ma jaqghux fil-parametri tal-artikolu 8 (2) tal-Kap 380. Tali ksur irid ikun ta' certu gravita' bi ksur procedurali lampanti bhal ksur tal-principji naturali tal-gustizja bhal l-"audi alteram parten". Din il-Qorti ma thossx li dan kien il-kaz meta tqajmet il-kwistjoni tan-novazzjoni, u dwar dak li s-socjeta' appellanti sostniet dwar in non osservanza tal-forza u effett ta' obbligi kuntrattwali. Minhabba dan, din il-Qorti thoss li ghanda tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat appellat dwar

il-fatt li ma kienx hemm lok ta' appell.  Minhabba f'hekk mhux il-lok li l-Qorti tezamina ulterjorment dan l-appell.

Ghal dawn il-motivi l-appell hu michud u s-sentenza appellata konfermata.

Spejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.